MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2014

Numru. 309/2010

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Warren Bartolo**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Warren Bartolo, iben Dominic u Joanne nee’ Camilleri, imwieled nhar il-15 ta’ Ottubru 1981, Pieta, residenti 81, Triq Borg, Birkirkara u detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 578581(M), gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar is-26 ta’ April 2009 ghall-habta tas-siegha ta’ filghodu (01:00hrs) minn gewwa Havana li jinsab Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi :

1. Ikkommettejt serq ta' mobile phone tal-marka Samsung ghad-dannu ta' Yanica Vella, liema serq huwa kkwalifikat bil-'hin'.

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, xjentament ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indhalt sabiex tmexxihom jew tbieghhom;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tinstema u tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 19);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda u ta` l-imputat moghtija bil-gurament;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Regghet semghet xi sottomissjonijiet fl-udjenza tal-21 ta` Ottubru 2014;

**Ikkunsidrat;**

Nhar is-26 ta` April 2009, Yanica Vella irrappurtat li f'dik il-lejla partikolari, waqt li kienet gewwa l-istabbiliment 'Havana' gewwa San Giljan, kien insterqilha l-handbag. Fost affarijiet ohra, gewwa l-handbag kellha l-mobile phone tal-marka **Samsung IMEI no.356151029446631**. Wara investigazzjoni mas-service provider, GOmobile, il-pulizija waslet sabiex tressaq lill-imputat. Dan ghaliex, u skond ittra li tinsab *a folio* 29 ta` l-Atti, gie stabbilit illi bejn 26/04/2009 u 10/06/2009 il-mobile bl-IMEI no.356151029446631 intuza bis-sim cards li jgibu n-numru 79922064 u 79909269. Gie stabbilit ukoll li n-numru 79909269 kien registrat fuq l-imputat detentur tal-ID.578581M.

Mid-dokumenti li jinsabu minn *folio* 6 sa *folio* 12, jista jigi osservat illi l-ewwel telefonata li saret bis-sim card ta` l-imputat minn fuq il-mobile Samsung *de quo* kienet propju fis-26 ta` April 2009 fin-12:33:57hrs – ftit sieghat biss wara l-allegat serq. Pero l-ewwel telefonata li saret minn dan il-mobile Samsung, wara l-allegat serq, saret mis-sim card bin-numru 79922064, registrata fuq isem Catherine Vella (li mkien iehor ma kkonfigurat f'dan il-procediment). Issa, apparti dan, kif jidher mid-dokumenti gia msemmija, it-telefonati bil-mobile Samsung u bis-sahha tas-sim card ta` l-imputat bin-numru 79909269, baqghu isiru regolarment. Telefonata wahda partikolari hi dik li saret fit-3 ta` Mejju 2009 f-00:31:00hrs (ara *folio* 10 tal-process) liema telefonata saret min-numru 79909269, registrat fuq l-imputat, ghal fuq in-numru 21492888, registrat fuq missier l-imputat u liema servizz jinsab fir-residenza fejn joqghod l-imputat).

Dawn ic-cirkostanzi rizultanti mill-atti processwali ma jistghux jigu skartati. Huma lkoll provi cirkostanzjali qawwija li ftit li xejn setghu jigu mxejjna mill-verzjoni kemmxejn dghajjfa moghtija mill-imputat. Il-pussess ricenti ta` l-imputat tal-mobile in kwistjoni tal-marka Samsung hu wiehed pezanti u jpoggi lill-imputat fl-isfera ta` dan il-kaz. Madanakollu, il-fatt li jidher li immedjatament wara l-allegata serqa, l-imsemmi mobile ta` l-ghamla Samsung intuza minn certu Catherine Vella ossia bis-sim card registrata fuq isimha, huwa tali li jdahhal dubbju f'mohh din il-Qorti kemm l-imputat jista jitqies, skond il-ligi, li kien hu li seraq tali mobile. Mhux l-istess jista jinghad pero ghall-imputazzjoni sussidjarja tar-ricettazzjoni. L-involviment ta` l-imputat, kif jirrizulta mill-provi, jaqa ezatt fil-parametri ta` tali imputazzjoni. Il-Qorti hi tal-fehema li l-imputat xjentement laqa ghandu oggett misruq.

Ghal dak li jirrigwarda l-valur, din il-Qorti ghandha prova wahda biss u cioe` dik naxxenti mid-depozizzjoni tad-derubata Yanica Vella *a folio* 44, fejn tistqarr li l-valur tal-mobile in kwistjoni hu ta` mitt Euro (€100).

**Konkluzjoni**;

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 261, 267, 334 (a), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, ssib lill-imputat mhux hati ta` l-ewwel imputazzjoni, dik tas-serq, u minnha tilliberah skond il-ligi; izda ssibu hati tat-tieni imputazzjoni migjuba**

**kontra tieghu, dik ta` ricettazzjoni u peress li ma jidhriliex li hu spedjenti li twahhal piena, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar mill-lum ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta. Il-Qorti tat lill-hati it-tifsira skond l-Artikolu 22(3) tal-Kap 446. In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446, tordna lill-hati jhallas lil Yanica Vella is-somma ta` mitt Euro (€100).**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------